TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 217/13 (JE).

Charles Borg

vs

Idea Casa Co. Ltd. (C 24516).

Illum, 6 ta' Frar 2014.

It-Tribunal,

Ra l-avviż ta' Charles Borg tat-30 ta' Settembru 2013 fejn stqarr illi xtara kċina mingħand is-soċjetà konvenuta illi ġiet istallata fil-15 t'April 2009. Wara xi sena kien ilmenta li tlett bibien tal-cupboard kienu qed jinbarmu. Dawn il-bibien inbidlu fis-27 ta' Lulju 2012 imma l-bibien li biddluhom ukoll kienu mibrumin. L-attur stqarr illi għamel bosta tentattivi sabiex jikkuntattja lis-soċjetà konvenuta imma l-bibien ma nbidlux u kull ma sar kien illi twaħħlu xi kalamiti illi ma kkorreġewx il-barma tal-bibien. Għaldaqstant, l-attur talab ir-rifużjoni ta' € 700.

Ra illi s-soċjetà konvenuta, minkejja illi debitament notifikata, naqset illi ddaħħal risposta.

Ra l-verbal tas-seduta tat-28 ta' Ottubru 2013 fejn Dr William Cuschieri deher in rappresentanza tas-soċjetà konvenuta u ddikjara li s-soċjetà konvenuta lesta li tbiddel il-bibien in kwistjoni u aċċetta illi l-garanzija ta' ħames snin fir-rigward tal-bibien tibda tiddekorri minn meta l-bibien il-ġodda jitwaħħlu.

Ra l-verbal tas-seduta tas-16 ta' Diċembru 2013 fejn l-attur iddikjara illi s-soċjetà konvenuta ma għamlet xejn biex tirrimedja l-problema fil-bibien, sema' l-provi tal-attur u ddiferixxa l-kawża għas-sentenza in difett t'ostaklu.

Ikkunsidra.

Illi jidher ċar daqs il-kristall mis-suespost u mill-avviż tal-attur illi s-soċjetà konvenuta kkomportat ruħha bl-aktar mod inaċċettabli u ma hemm l-ebda dubju dwar ir-responsabilità tagħha dwar l-ilment tal-attur illi l-kċina għandha bibien mibrumin.

Illi fl-avviż tiegħu, l-attur talab is-somma ta' € 700, liema somma ġiet ridimensjonata waqt is-smiegħ tal-kawża fl-ammont ta' € 800 peress illi l-attur sostna illi jridu jinbidlu erba' bibien. Illi t-Tribunal jidhirlu illi l-inkonvenjent illi soffra l-attur minħabba l-atteġjament ċensurabbli tas-soċjetà

konvenuta kien tali illi jiġġustifika l-likwidazzjoni ta' danni morali favur l-attur u għaldaqstant, jaċċetta illi s-soċjetà konvenuta għandha tkun responsabbli għall-ħlas lill-attur tas-somma ta' € 800.

Għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attriċi u jikkundanna lis-soċjetà konvenuta għall-ħlas ta' € 800 lill-attur.

In vista tal-atteġjament illi intwera waqt is-smiegħ ta' dina l-kawża, it-Tribunal qed jikkundanna lis-soċjetà konvenuta għall-ħlas ta' spejjeż doppji.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.